

# IL-ĠESTJONI TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U L-GĦALF MEDIKAT FL-IRZIEZET

*Kitba ta' Stephen Spiteri*
*Spiżjar Prinċipali Anzjan, Sezzjoni Mediċini Veterinarji fid-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali*

Ir-raħħal għandu jimpenja ruħu li jsegwi numru ta' miżuri ħalli jieħu l-akbar benefiċċji possibbli mill-użu tal-prodotti mediċinali u l-għalf medikat. F'dan l-artiklu se nispjegaw ftit minn dawn il-miżuri. Id-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali (minn issa 'l quddiem se nsejjaħlu [id-] Dipartiment) hu fl-obbligu li jara li dawn il-miżuri qed jitwettqu.

Raħħal għandu:

1. Iżomm reġistru (rekords) fir-razzett fejn jinkitbu d-dettalji tal-prodotti mediċinali u għalf medikat li jingħataw. Dawn id-dettalji għandhom jinkludu din l-informazzjoni:
   a) l-isem u d-doża tal-prodott użat;
   (b) id-data tal-ewwel amministrazzjoni tal-prodott lill-annimali;
   (c) il-kwantità tal-prodott amministrat;
   (d) isem il-kumpanija u l-indirizz permanenti jew il-post reġistrat tan-negozju tal-fornitur;
   (e) evidenza tal-akkwist tal-prodotti użati;
   (f) identifikazzjoni tal-annimal jew grupp ta' annimali ttrattati;
   (g) isem u dettalji ta' kuntatt tal-kirurgu veterinarju li jippreskrivi, jekk applikabbli;
   (h) perjodu ta' rtirar, anke jekk dak il-perjodu jkun żero;
   (i) it-tul tat-trattament.

   Ir-rekords għandhom jinżammu f'ordni kronoloġika għal mhux anqas minn ħames (5) snin. Dan huwa wkoll obbligu legali skont Artikolu 108 ta' Regolament (UE) 2009/6 fuq il-Mediċina Veterinarja.
2. Jikseb prodotti mediċinali biss minn sorsi approvati bħal spiżeriji veterinarji u kirurgi veterinarji bil-*warrant*. L-għalf medikat għandu jinġieb biss minn negozjanti tal-għalf medikat approvat. Sorsi approvati biss jistgħu jiggarantixxu li l-prodotti jiġu akkwistati, maħżuna u ttrasportati b'mod xieraq li jippreserva l-kwalità u l-effettività tagħhom. Fis-suq kapaċi

jkun hawn prodotti foloz. L-akkwist ta' prodotti minn sorsi approvati jnaqqas dan ir-riskju.

3. Iżomm il-kopji sofor tar-riċetti veterinarji f'ordni kronoloġika għal mhux inqas minn ħames (5) snin. Maż-żmien, ir-riċetti tal-karti tradizzjonali se jinbidlu f'riċetti veterinarji elettroniċi. Is-sistema tar-riċetta veterinarja elettronika se tkun ikkomunikata bil-pjattaforma *My-Farm*. Din tixbah lill-pjattaforma *My-Health*. Ir-riċetti veterinarji jistgħu jinġabru f'din is-sistema elettronika fejn faċilment jistgħu jitniżżlu u jintwerew.
4. Jifhem li r-riċetta veterinarja għall-antibijotiċi u għall-għalf medikat bl-antibijotiċi ma tistax tiġġedded. Suppost l-antibijotiċi jingħataw għal perjodu fiss ta' żmien (kors) u jekk il-marda ma titfejjaqx l-annimal jerġa' jiġi eżaminat. Il-kirurgu veterinarju kapaċi jikteb prodotti differenti. Riċetti oħra jistgħu jiġġeddu skont it-tip ta' mediċina li fihom, bħal pereżempju għall-mard kroniku. Però dawn narawhom iżjed f'annimali domestiċi.
5. Ikollu Programm tas-Saħħa tal-Annimali. Dan il-programm ikun taħt ir-responsabbiltà ta' professjonist irreġistrat mal-Kunsill tas-Servizzi Veterinarji. Il-programm jipprovdi titjib kbir fl-istat tas-saħħa tal-annimali u l-benesseri tagħhom. Dan huwa obbligu legali skont regolament 79(2) tal-Liġi Sussidjarja 437.47.
6. Jiżgura li r-responsabbiltà tal-professjonist responsabbli għall-Programm tas-Saħħa tal-Annimali tkun reali u mhux nominali. Evidenza li tindika li r-responsabbiltà li jassumi l-professjonist se tiġi eżaminata meta d-Dipartiment jagħmel l-ispezzjonijiet tiegħu. F'kelma waħda, ir-responsabbiltà ma tridx tkun taparsi biex sempliċement ikun hemm il-programm.
7. Jikkonsulta mad-Dipartiment dwar il-politiki tat-tilqim. Ċertu mard mhux preżenti f'Malta u jekk jiddaħħal vaċċin f'pajjiżna ta' xi marda partikolari meta din ma tkunx preżenti jinħoloq ir-riskju li l-marda tiddaħħal fit-territorju ta' Malta permezz tal-istess vaċċin. Dan jgħodd l-iżjed għal vaċċini li jkollhom mikrobi ħajjin fihom, hekk imsejħa live vaccines.
8. Jarmi l-għalf medikat u l-prodotti mediċinali mhux użati jew skaduti b'mod xieraq. Il-raħħal jista' jikkonsulta mal-WasteServe sabiex jikseb il-gwida rilevanti. Il-prodotti fihom kimiċi li jistgħu jippersistu fl-ambjent għal perjodu twil jekk ma jintremewx kif suppost. Il-ħsara li tista' ssir tvarja. Pereżempju, antibijotiċi akkumulati fl-ambjent jistgħu jnaqqsu l-effikaċja ta' antibijotiċi bħalhom jew simili. Ċerti mediċini





oħra akkumulati fl-ambjent jistgħu jgħaddu għall-bniedem permezz tal-ilma, ikel jew kuntatt dirett u jikkawżaw mard bħal kanċer.

9. Jevita l-użu ta' rutina ta' prodotti mediċinali u l-għalf medikat fihom antibijotiċi biex jagħmel tajjeb għal iġjene ħażina jew trobbija li mhix adegwata għall-annimali. Ir-raħħal m'għandux juża dal-prodotti biex itejjeb il-prestazzjoni tal-annimali jew jippromwovi s-simna tagħhom. Dawn huma prattiċi ħżiena li ma joqtlux il-mikrobi; minflok jagħżlu mikrobi li ma jinqatlux bl-antibijotiċi u jkattruhom. Dawn diffiċli biex neħilsu minnhom. Inżidu li prattiċi bħal dawn mhumiex aċċettabbli skont Artikoli 107 (1) u (2) ta' Regolament (UE) 2009/6 fuq il-Mediċina Veterinarja.

10. Jieħu l-annimali għall-qatla biss wara li jkun għadda l-perjodu ta' rtirar indikat fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti jew skont dawk imsemmija f'Artikolu 115 ta' Regolament (UE) 2009/6 fuq il-Mediċina Veterinarja. Jekk perjodu ta' rtirar ma jiġix rispettat, kwantitajiet inaċċettabbli ta' residwi tal-prodotti jistgħu jibqgħu fil-laħam, fil-ħalib jew fil-bajd. Hekk ir-residwi jiġu kkunsmati min-nies u jikkawżaw il-ħsara.

11. Jirrapporta kwalunkwe reazzjoni avversa jew nuqqas ta' effikaċja lit-Taqsima tal-Mediċina Veterinarji tad-Dipartiment. Jistgħu jitneħħew prodotti/ lottijiet mis-suq jekk wara l-investigazzjonijiet jirriżulta li hemm xi difetti vverifikati. Wieħed jista' jirrapporta dan fuq formula apposta: Formola biex tirrapporta Reazzjonijiet Suspetti Ħżiena jew Difetti fil-Prodott (gov.mt).

12. Ikun żgur li l-annimali qed jiġu mitmugħa kif suppost, anke bl-għalf medikat. Is-saħħa tal-annimal tiddependi ħafna minn dak li jiekol. Illum il-ġurnata hemm ħafna formuli speċjali għall-annimali, li jbiddlu l-flora tal-musrana tal-annimal (flora tfisser il-mikrobi tajbin li jeżistu b'mod naturali) u jgħinuh jiġġieled il-mard b'mod aktar naturali. Xi annimali (eż. qżieqeż) jistgħu jinfatmu mill-ħalib t'ommhom f'età akbar biex jipprevjenu mard komuni ta' dik l-età.

13. Iżomm ambjent nadif fir-razzett u jevita l-kontaminazzjoni u t-tixrid tal-mikrobi, anke fejn jinħażnu l-prodotti mediċinali u l-għalf medikat. Il-bini għandu jinżamm xott, għad-dell u f'temperaturi tajbin. Għandhom ikunu stabbiliti miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni tal-mard (miżuri ta' bijosigurtà).

